MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-11 ta' Settembru, 2009

Numru. 938/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin J. Farrugia)**

**Vs**

**Amina Mohammed Heybe, bint persuni mhux maghrufa, ta' 23 sena, imwielda Burco fis-Somalia nhar il-01 ta' Jannar, 1986, residenti post mhux maghruf, l-ahhar post maghruf Dar Qawsalla, Triq il-Wied, Birkirkara, numru tal-passaport mhux maghruf, numru tal-immigranta 09A-003**

Il-Qorti;

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputata Amina Mohammed Heybe u cioe` talli nhar l-10 ta' Settembru, 2009, ghall-habta ta' 21.30 hours gewwa Dar il-Qawsalla, fi Triq il-Wied, Birkirkara u f'bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer Maltin:

1. attakkat jew ghamlet rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku u cioe` kontra PS3 Kevin Grima, WPC11 Zenia Azzopardi, PC903 Joseph Scicluna waqt li kienu qed jagixxu ghall-ezekuzzjoni tal-ligi, u dan ai terminu tal-artikolu 96(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

2. naqset li tobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilha mill-Pulizija u minn ufficjali pubblici ohra li kienu qed jaqdu id-doveri taghhom jew ma hallietx jew fixklithom waqt il-qadi ta' dmirijiethom, u dan ai terminu tal-artikolu 338 (ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Hebbet ghal ufficjal pubbliku fil-kapacita taghha ta' Care Worker cioe` ghal Gertrude Catania ai terminu tal-artikolu 95, 96(a), 338 (ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Ikkagunat feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Gertrude Catania li ghandha numru ta' karta tal-identita` 0097879(M) u fuq WPC11 Zenia Azzopardi.

5. Talli xewxet gemgha ta' nies, illi hekk imxewxa ingabru f'numru ta' ghaxra jew aktar, sabiex jaghmlu reat u dan ai termini tal-artikoli 68 u 69 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Volontarjament kisret il-bon ordni jew il-paci pubblika b'ghajjat.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputata ghall-akkuza migjuba fil-konfront taghha liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputata inghatat zmien xieraq sabiex tirrikonsidra l-istess;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmulha mill-imputata il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputata hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghha.

Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmulha mill-imputata u fuq kollox l-istat tal-imputata li ghandha hames xhur tqala b'tewmin u l-fatt illi l-imputat skuzat ruhha ghal dan l-incident ma l-ufficjali publici involuti.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat l-artikoli 96(a), 95, 338(ee)(dd), 221 u 68 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputata hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghha u tikkundannaha ghall-perjodu ta' seba' (7) xhur prigunerija li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta dan il-perjodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sena mill-lum.

Il-Qorti wissiet lill-hatja bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk hija tikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------